**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Social nº 2 de Terrassa (Spanja) fil-15 ta' Mejju 2013 — Emiliano Torralbo Marcos vs Korota S.A., Fondo de Garantía Salarial**

**(Kawża C-265/13)**

(2013/C 207/47)

*Lingwa tal-kawża:l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Social nº 2 de Terrassa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Emiliano Torralbo Marcos

*Konvenuti:* Korota S.A. u Fondo de Garantía Salarial

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikoli 1, 2(f), 3(1), 4(2)(a), 4(3), 5(3), 6, 7, 8(1) u 8(2) tal-Liġi 10/2012, tal-20 ta' Novembru 2010, li tistabbilixxi r-regoli li jirregolaw ċerti ħlasijiet fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja u tal-Istitut Nazzjonali tat-Tossikoloġija u tal-Ixjenza Forensika huma kompatibbli mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([1]) a) sa fejn dawn ma jippermettux lill-qorti nazzjonali taġġusta d-drittijiet tar-reġistru u tal-inklużjoni tal-kawża fil-lista tal-kawżi jew tinvoka raġunijiet ta' proporzjonalità (fir-rigward tal-motivi li jiġġustifikaw l-impożizzjoni tagħhom mill-Istat u fir-rigward tal-ammont ta' dawn id-drittijiet li jista' jikkostitwixxi ostakolu għall-aċċess għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva), raġunijiet ta' proporzjonalità li jippermettu li r-rikorrent jiġi eżentat mill-ħlas ta' dawn id-drittijiet; b) sa fejn dawn ma jippermettux lill-qorti tieħu inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' effettività tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni u c) sa fejn dawn ma jippermettulhiex tevalwa l-importanza tat-tilwima għall-partijiet fid-dawl taċ-ċirkostanzi, peress li l-ħlas tad-drittijiet huwa prerekwiżit għall-preżentata ta' appell?

(2) L-Artikoli 1, 2(f), 3(1), 4(2)(a), 4(3), 5(3), 6, 7, 8(1) u 8(2) tal-Liġi 10/2012, tal-20 ta' Novembru 2010, li tistabbilixxi r-regoli li jirregolaw ċerti ħlasijiet fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja u tal-Istitut Nazzjonali tat-Tossikoloġija u tal-Ixjenza Forensika huma kompatibbli mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea sa fejn dawn japplikaw għal proċedura speċifika bħall-proċedura ta' applikazzjoni tad-dritt soċjali, qasam li fih id-dritt tal-Unjoni japplika normalment bħala element fundamentali ta' żvilupp ekonomiku u soċjali bilanċjat fil-Komunità?

(3) Fid-dawl tad-domandi preċedenti, qorti bħall-qorti tar-rinviju tista' ma tapplikax leġiżlazzjoni bħal-leġiżlazzjoni inkwistjoni li ma tippermettix lill-qorti nazzjonali: a) taġġusta d-drittijiet tar-reġistru u tal-inklużjoni tal-kawża fil-lista tal-kawżi jew tinvoka raġunijiet ta' proporzjonalità (fir-rigward tal-motivi li jiġġustifikaw l-impożizzjoni tagħhom mill-Istat u fir-rigward tal-ammont ta' dawn id-drittijiet li jista' jikkostitwixxi ostakolu għall-aċċess għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva), raġunijiet ta' proporzjonalità li jippermettu li r-rikorrent jiġi eżentat mill-ħlas ta' dawn id-drittijiet; b) sa fejn dawn ma jippermettux lill-qorti tieħu inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' effettività tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni u c) sa fejn dawn ma jippermettulhiex tevalwa l-importanza tat-tilwima għall-partijiet fid-dawl taċ-ċirkostanzi, peress li l-ħlas tad-drittijiet huwa prerekwiżit għall-preżentata ta' appell?

---

([1]) ĠU 2000, C 364, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-15 ta' Mejju 2013 — L. Kik vs Staatssecretaris van Financiën**

**(Kawża C-266/13)**

(2013/C 207/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Hoge Raad der Nederlanden

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* L. Kik

*Konvenut:* Staatssecretaris van Financiën

**Domandi preliminari**

(1) (a) Ir-regoli dwar il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 ([1]) u r-regoli li jiddeterminaw il-portata territorjali tar-regoli ta' determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli li jinsabu fit-Titolu II ta' dan ir-regolament għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ir-regoli ta' determinazzjoni huma applikabbli f'każ bħal dan inkwistjoni, li jikkonċerna (a) ħaddiem residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi li (b) għandu nazzjonalità Olandiża, (c) f'kull każ, kien preċedentement obbligatorjament affiljat fil-Pajjiżi l-Baxxi, (d) huwa impjegat bħala baħri minn persuna li timpjega stabbilita fl-Isvizzera, (e) itwettaq xogħlu abbord bastiment li jqiegħed il-pajpijiet li jtajjar il-bandiera Panamiża u (f) iwettaq dawn l-attivitajiet, l-ewwel, barra mit-territorju tal-Unjoni (madwar tliet ġimgħat 'il fuq mill-pjattaforma kontinentali tal-Istati Uniti u madwar ġimgħatejn fl-ibħra internazzjonali) u, sussegwentement 'il fuq mill-pjattaforma kontinentali tal-Pajjiżi l-Baxxi (perijodi ta' xhar u ta' madwar ġimgħa) u tar-Renju Unit (perijodu ta' ftit iktar minn gimgħa), filwaqt li (g) id-dħul li huwa hekk qala' kien ġie suġġett għall-ġbir tat-taxxa fuq id-dħul Olandiża?

(b) Jekk ir-risposta tkun fl-affermattiv, ir-Regolament KEE Nru 1408/71 japplika biss fil-jiem li matulhom il-persuna kkonċernata taħdem 'il fuq mill-pjattaforma kontinentali ta' Stat Membru tal-Unjoni, jew huwa applikabbli wkoll fil-perijodu preċedenti, li matulu hija ħadmet xi mkien ieħor, barra mit-territorju tal-Unjoni?